**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

*Omissis*

**Natalie Bonello**

Numru 144/2020

Illum 13 ta' April 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

*Omissis*

u

**Natalie Bonello**, ta' hamsa u erbghin (45) sena, imwielda San Giljan, fit-02 ta' Frar 1975, bint Joseph u Emanuela neé Hili,

residenti “St. Anthony”, Triq is-Skiet, Marsascala u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 568675(M)

akkuzata talli b’diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioé talli:

1. nhar is-07 ta’ Frar 2020 minn gewwa 298, Flat 20, Triq in-Naxxar, Birkirkara ikkommettiet serq ta’ gojjellerija, *cheque* u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ Giuseppa Xuereb, anzjana ta’ wiehed u tmenin (81) sena, u/jew ta’ persuni ohra;

2. bejn is-07 ta’ Frar 2020 u l-21 ta’ Frar 2020 f’dawn il-Gzejjer għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta’ Giuseppa Xuereb, anzjana ta’ wiehed u tmenin (81) sena, u/jew ta’ persuni ohra, u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

3. nhar l-14 ta’ Frar 2020 bejn 01:30pm u 06:00pm minn gewwa 16, Triq Salvu Psaila, Birkirkara ikkommettiet serq ta’ gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ Carmela Gherxi, anzjana ta’ tnejn u disghin (92) sena, u/jew ta’ persuni ohra;

4. nhar il-05 ta’ Marzu 2020 bejn 11:00am u 11:30am minn gewwa 26, Triq il-Fawwara, St Venera ikkommettiet serq ta’ gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ Paolina Von Brockdorff, anzjana ta’ tnejn u tmenin (82) sena, u/jew ta’ persuni ohra;

5. nhar is-07 ta' April 2020 ghal-habta tas-02:00pm minn gewwa 10, Flat 2, Triq l-Universita', Msida bil-hsieb li taghmel delitt wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat bil-lok ghad-detriment ta' Emanuel Vella, anzjan ta' sebgha u sebghin (77) sena, u/jew ta' persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' l-imputata bhala recidiva *ai termini* ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta hija kienet giet misjuba hatja u kkundannata ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata Natalie Bonello tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien ragonevoli tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata Natalie Bonello ghall-imputazzjonijiet kollha addebitati lilha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata Natalie Bonello ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata Natalie Bonello, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata Natalie Bonello, l-ammissjoni bikrija taghha f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputata Natalie Bonello (Dok. "JR 4" – *a fol.* 17 *et seq.*), u kif ukoll il-fatt li l-imputata Natalie Bonello hija recidiva *ai termini* ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont

ta' dan kollu, il-Qorti ser taghti sentenza ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputata Natalie Bonello.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 183, 261(c), 261(e), 267, 269(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata Natalie Bonello hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal perijodu ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandha l-imputata Natalie Bonello, l-istess imputata Natalie Bonello tinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex tkun tista' tibda, issegwi u tispicca program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**